DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/71/UE

tal-4 ta' Novembru 2010

li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-metoflutrin ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tagħha,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2005, ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Sumitomo Chemical (UK) Plc, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE, għall-inklużjoni tas-sustanza attiva metoflutrin fl-Anness I tagħha għall-użu fi prodott tat-tip 18, insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra, kif iddefinit fl-Anness V għad-Direttiva 98/8/KE. Il-metoflutrin fid-data msemmija fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 98/8/KE ma kienx fis-suq bħala sustanza attiva ta' prodott bijoċidali.

(2) Wara li wettaq evalwazzjoni, fid-19 ta' Ġunju 2008, ir-Renju Unit ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni.

(3) Ir-rapport ġie analizzat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fis-27 ta' Mejju 2010, u s-sejbiet tal-analiżi ġew inkorporati f'rapport ta' valutazzjoni.

(4) Mill-eżamijiet li saru, jidher li l-prodotti bijoċidali użati bħala insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra u li fihom il-metoflutrin jistgħu jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE. Għalhekk huwa xieraq li l-metoflutrin jiġi inkluż fl-Anness I għal dik id-Direttiva.

(5) Ma ġewx evalwati l-użi potenzjali kollha fil-livell Ewropew. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jivvalutaw dawk ix-xenarji ta' użu jew esponiment u dawk ir-riskji għall-kompartimenti u l-popolazzjonijiet li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskji li saret fil-livell Ewropew, u li, meta jkunu qed jagħtu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodott, jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex ir-riskji identifikati jittaffew għal livelli aċċettabbli.

(6) Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu applikati b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-prodotti bijoċidali fis-suq li fihom is-sustanza attiva metoflutrin u biex jiffaċilitaw l-operat kif suppost tas-suq ġenerali tal-prodotti bijoċidali.

(7) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva.

(8) Id-Direttiva 98/8/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2011.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Mejju 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE, għandha tiżdied l-entrata li ġejja għas-sustanza metoflutrin:

Nru	Isem Komuni	Isem tal-IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif jitqiegħed fis-suq	Data tal-inklużjoni	Skadenza sa meta għandu jkun hemm konformità mal-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li jkun fihom aktar minn sustanza attiva waħda, li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjonijiet minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom)	Data ta' skadenza tal-inklużjoni	Tip ta' prodott	Dispożizzjonijiet speċifiċi (*)
"36	Metoflutrin	Iżomeru RTZ: 2,3,5,6-tetrafluworo-4-(metossimetil)-benżil-(1R,3R)-2,2-dimetil-3-(Z)-(prop-1-enil)ċiklopropancarbossilat Nru tal-KE: mhux applikabbli Nru tal-CAS: 240494-71-7 Somma tal-iżomeri kollha: 2,3,5,6-tetrafluworo-4-(metossimetil)-benżil (EZ)-(1RS,3RS;1SR,3SR)-2,2-dimetil-3-prop-1-enilċiklopropancarbossilat Nru tal-KE: mhux applikabbli Nru tal-CAS: 240494-70-6a	Is-sustanza attiva għandha tkun konformi maż-żewġ puritajiet minimi li ġejjin: Iżomeru RTZ 754 gm/kg Somma tal-iżomeri kollha 930 gm/kg	1 ta' Mejju 2011	Mhux applikabbli	30 ta' April 2021	18	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu jew esponiment u dawk ir-riskji għall-kompartimenti jew popolazzjonijiet li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskji fil-livell Ewropew."

(*) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-Anness VI, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' valutazzjoni huma disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm